**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta’ Jannar 2013 — La Vigile San Marco vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-262/00)** [1]

***(Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Tnaqqis ta’ kontribuzzjonjiet soċjali favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta’ Venezia u ta’ Chioggia — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta’ għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li timponi l-irkupru tal-għajnuna mħallsa — Rikors parzjalment inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt)***

(2013/C 71/29)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* La Vigile San Marco SpA (Venezja, l-Italja) (rappreżentant: A. Vianello, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, aġent, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

*Parti intervenjenti insostenn tal-parti rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: inizjalment U. Leanza, sussegwentement minn I. Braguglia, sussegwentement minn R. Adam, u finalment minn I. Bruni, aġenti, assistit minn G. Aiello u P. Gentili, avvocati dello Stato)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394, tal-25 ta’ Novembru 1999, dwar il-miżuri ta’ għajnuna favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta’ Venezia u ta’ Chioggia, previsti mil-Liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis ta’ kontribuzzjonijiet soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50).

**Dispożittiv**

(1) *L-eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni Ewropea hija magħquda mal-mertu.*

(2) *Ir-rikors huwa miċħud bħala li huwa, parzjalment, manifestament inammissibbli u, parzjalment, manifestament infondat fid-dritt.*

(3) *La Vigile San Marco għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk tal-Kummissjoni.*

(4) *Ir-Repubblika Taljana għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

[1] ĠU C 355, 9.12.2000.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta’ Jannar 2013 — La Navale vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-263/00)** [1]

***(“Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Tnaqqis ta’ piżijiet soċjali favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta’ Venezia u ta’ Chioggia — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta’ għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li timponi l-irkupru tal-għajnuna mħallsa — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)***

(2013/C 71/30)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* La Navale Soc. coop. rl (Venezia, l-Italja) (rappreżentant: A. Vianello, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, aġent, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: inizjalment U. Leanza, sussegwentement I. Braguglia, u imbagħad R. Adam, u finalment I. Bruni, aġenti, assistiti minn G. Aiello u P. Gentili, avvocati dello Stato)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE, tal-25 ta’ Novembru 1999, li tikkonċerna l-miżuri ta’ għajnuna favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta’ Venezia u ta’ Chioggia, previsti mil-liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis ta’ piżijiet soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50).

**Dispożittiv**

(1) *L-eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà invokata mill-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi trattata mal-mertu.*

(2) *Ir-rikors huwa miċħud, parzjalment, bħala manifestament inammissibbli u parzjalment, bħala manifestament infondat fid-dritt.*

(3) *La Navale Soc. coop. rl għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni.*

(4) *Ir-Repubblika Taljana għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 355, 09.12.2000.